



# Aħbar Tajba

Eżodu 20, 1-17
S 18, 8-11
1 Kor 1, 22-25
Ġw 2, 13-25

Ġesù weġibhom:
**"Ħottu dan it-tempju, u fi tlitt ijiem jien nerġa' ntellgħu."**

Xkupi, sponoż, ċraret tal-art u *dusters*... ifakkruk f'xi ħaġa? Għalfejn nużawhom? Meta narahom barra fid-dar jaqbadni ferħ ta' ġenn! Ngħid ġejja tiegħi għax ser ikolli nagħti daqqa t'id fit-tindif! Ġieli wżajthom? Ġieli għent fit-tindif tad-dar? Ma nafx kif tnaddaf il-mamà tagħkom. Imma ommi kienet tnaddaf meta anqas biss kien ikun hemm bżonn... tal-inqas fl-opinjoni tiegħi. Imma kif tinduna meta trid tnaddaf?

Dawn huma xi pariri li ġieli smajt:
1. Trid tnaddaf id-dar meta tħoss saqajk jeħlu mal-art meta tidħol id-dar, speċjalment jekk tħoss hekk fil-kċina.
2. Trid tnaddaf meta ommok tiġi biex tqajmek mis-sodda u ma tkunx tista' ssibek bl-affarijiet li jkun hemm fin-nofs.
3. Trid tnaddaf meta fuq il-ħġieġ tad-dar jew tal-karozza jkun hemm xi ħadd jikteb '*wash me please*' b'subajh.
4. Trid tnaddaf meta fis-sink tal-kċina jkun hemm iktar affarijiet milli fil-*cupboards*.

Kulħadd jaf allura li kultant trid veru taqla' qala' tajba u tnaddaf tindifa sew! Ngħidu d-dritt, hu importanti ħafna li nnaddfu mhux biss darna u l-kmamar tagħna, imma tajjeb ukoll li nduru ftit ukoll magħna nfusna. Għax f'ħajjitna wkoll nibdew niġbru skart differenti li jtellifna, u allura tajjeb li neżaminaw ftit ħajjitna u l-ħsibijiet tagħna. Hemm affarijiet li jista' jkun qed itellfuni aktar milli jgħinuni? Biex inkunu nistgħu nagħrfu x'qed itellifna, tajjeb li naħsbu ftit fuq l-imġieba tagħna u dak li joħroġ minn fommna meta nkunu d-dar u ma' sħabna.

Fil-qari tal-lum, Ġesù wkoll għamel ftit *house cleaning*! Ma tantx naħseb niżel tajjeb ma' dawk li rawh. Imma tassew li kien hemm bżonn li n-nies jifhmu li d-dar ta' Alla jisthoqqilha rispett kbir għax hi spazju fejn il-bniedem jiltaqa' ma' Alla aktar milli post fejn isir negozju jew fejn nissoċjalizzaw.

Ir-Randan hu żmien tajjeb biex isir *house cleaning* tal-qalb tagħna. Il-Bibbja tissuġġerilna li aħna wkoll tempji. Aħna tempji tal-Ispirtu s-Santu, u allura tajjeb naraw jekk hemmx xi affarijiet żejda fit-tempju tagħna li mhux qed iħalluna nersqu lejn Ġesù. Forsi xi logħba jew inkella ħin li nagħmel fuq il-kompjuter. Ejjew nitolbu lil Ġesù jgħinna biex tassew inżommu d-dar ta' qalbna nadifa u lesta biex tilqa' dak li hu jibagħtilna.

Sib il-Kelma

**Fost l-ittri t'hawn taħt għandek issib dawn il-kelmiet moħbija marbuta mas-silta li għadna kif qrajna. Aqbad lapes u dur dawn l-ittri biex issib il-kliem mistur.**

GĦID, ĠERUSALEMM, TEMPJU, NAGĦAĠ, ĦAMIEM, FLUS, ĦEĠĠA, DAREK, FNIETNI

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Ġ | E | R | U | S | A | L | E | M | N |
| Ġ | Ħ | A | P | P | O | S | T | L | Ħ |
| A | F | N | IE | T | N | I | T | U | A |
| M | O | S | Ċ | K | M | A | N | D | M |
| A | M | E | N | T | I | N | O | Ċ | IE |
| D | A | N | N | Ħ | E | Ġ | Ġ | A | M |
| A | R | I | T | Ż | GĦ | A | R | K | B |
| R | K | M | E | Ħ | A | N | T | T | A |
| E | A | A | M | F | N | A | GĦ | A | Ġ |
| K | K | L | P | L | E | R | I | GĦ | A |
| A | B | I | J | U | N | O | D | A | R |
| Ġ | E | R | U | S | A | L | E | M | M |
| S | I | N | A | J | T | A | B | O | R |
| D | E | H | R | IE | T | K | B | A | R |



## SAN KAŻIMIRU

San Każimiru twieled fit-3 ta' Ottubru, 1458, fil-palazz irjali ta' Krakow, il-Polonja. Kien it-tielet fost it-tlettax-il wild tar-Re Każimiru IV tal-Polonja, u ta' Eliżabetta, prinċipessa tal-Awstrija.

Sa minn tfulitu kien reliġjuż, u għal xi żmien, kien jieħu d-direzzjoni spiritwali tiegħu mingħand il-Kanonku Ġwann Dlugosz, bniedem ta' spiritwalità kbira.

Kellu devozzjoni kbira lejn il-Madonna, u kien jgħidilha kuljum it-talba "Omni die dic Mariae" (Kuljum għanni lil Marija), ta' San Anselmu, u xtaq li meta jmut kopja ta' din it-talba tindifen miegħu.

Kien jgħix ħajja sempliċi u mingħajr privileġġi li kellu bħala Prinċep.

Anzi kien juża flusu u l-influwenza tiegħu biex jgħin lill-foqra.

Fl-1471, meta lanqas biss kellu ħmistax-il sena , missieru bagħtu jmexxi l-armata, u jinvadi l-Ungerija biex ineħħi lir-Re Matthias Covinus mis-setgħa, u jilħaq hu floku. Iżda meta għaraf li kien ser iwettaq inġustizzja, malajr abbanduna dan il-pjan. Biex ma jżidx is-sens ta' telfa f'missieru, mar irtira għal tliet xhur fil-kastell ta' Dobzki.

Mill-1479 sa l-1483, San Każimiru ggverna l-Polonja flok missieru li kien mar il-Litwanja. Il-Pollakki kienu jaraw fih raġel twajjeb u rett, u kienu jħobbuh ħafna.

Meta missieru ried iżewġu lit-tifla tal-Imperatur Federiku, ma riedx.

Kien ilu li għamel il-vot taċ-ċelebat. Miet tiżiku. Fl-età ta' ħamsa u għoxrin sena, fl-4 ta' Marzu 1484. Huwa l-Patrun tal-Polonja.

**Ħsieb ta' San Każimiru:** Xejn ma jagħmlilna unur ikbar daqs dak li nunuraw lil Ġesù Kristu fil-persuna tal-fqar. Irrid inwarrab kull glorja biex inservi l-ifqar fost il-fqar.




Aħbar **Tajba** hija inizjattiva tal-Media Centre flimkien mal-Fondazzjoni YOUTHEME u tiddependi mill-ħidma ta' diversi voluntiera u benefatturi. Għandna bżonn ukoll ta' ħafna talb biex din il-ħidma tħalli l-frott mixtieq. Min jixtieq jgħin, finanzjarjament, bit-talb jew b'xi ħidma oħra jista' jibagħtilna fuq

**info@sayitmalta.com**

Grazzi.




**AGĦŻEL PRODOTTI LI JIBDLU ĦAJJET IN-NIES GĦALL-AĦJAR!**

**AGĦŻEL IL-KUMMERĊ ĠUST**



**SAY IT!**

**ĦANUT TAL-KUMMERĊ ĠUST**

www.sayitmalta.com - info@sayitmalta.com

32 Tarxien Road Paola

SAY IT!

www.sayitmalta.com

32, Tarxien rd Paola

mediacentre

design • video production • animation • publishing • web




**Promozzjoni**

Issa tista' tirreklama fuq

Aħbar **Tajba**

Dan il-fuljett joħroġ kull ġimgħa u jitqassam fil-parroċċi kollha ta' Malta u Għawdex.

Ċemplilna fuq 2569 9100 jew ibgħatilna email fuq info@sayitmalta.com



AĦBAR **TAJBA** hija pubblikazzjoni tal-Media Centre flimkien ma' SayIt Publications u YouTheme Foundation. Min jixtieq jagħti kontribuzzjoni finanzjarja jew jordna aktar kopji ta' dan il-fuljett jista' jibagħtilna *email* fuq *info@sayitmalta.com* jew iċempel fuq 2569 9100.

mediacentre

YOUTHEME FOUNDATION